MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru. 456/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Mercieca)**

**vs**

**Marica Cernigliaro ta' 27 sena, bint Santo Cernigliaro u Maria Carmela nee Borg, Imwielda Attard fit-12/01/1977 u li toqghod Flat 1, Gold Medal Court, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, detentrici ta' karta tal-identita' numru 93577 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Marica Cernigliaro li giet akkuzata talli fil-11 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tal-4.15 a.m. gewwa Flat 1, Gold Medal Court, Triq il-Hgejjeg, Bugibba:

(1) hebbet ghal zewgha Mourad Mekhoukhe permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez u kkagunatlu offiza ta' natura gravi ai termini tal-artiklu 216 tal-Kapitlu 9 u dan skond ma ccertifika Dr Andrew P. Zammit MD mill-Poliklinika tal-Mosta (Art 217 tal-Kap 9) kif ukoll ikkagunatlu griehi ta' natura hafifa f'wiccu meta gidmitu skond kif iccertifika l-istess tabib.

(2) Fil-hin li kienet qed taghmel delitt kontra l-persuna, u cioe feriment fuq il-persuna ta' Mourad Mekhoukhe, kellha fuq il-persuna taghha xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mourad Mekhoukhe ai termini tal-artiklu 383 u 384 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-avukat generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Jirrizulta mill-atti li certament Cernigliaro kienet precedentement qabel l-incident mertu ta' din il-kawza illi hi cemplet l-ghassa tal-Pulizija u talbet l-ghajnuna. It-tieni telefonata li saret kienet xi ftit wara issa li kien sehh l-incident.

Jirrizulta illi kemm Cernigliaro kif ukoll Mourad sofrew griehi fl-incident li nqala' bejniethom. Il-griehi li sofra Mourad gew ben konstatati minn Dr Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu Dok MS u anke minn certifikat esebit minn Dr Andrew Paul Zammit (a fol 17).

Dr Simone Zammit min-naha taghha esebiet certifikat fil-konfront tal-griehi sofferti minn Cernigliaro (a fol 21).

Issa kemm minn dak imnizzel fic-certifikat ta’ Dr Andrew Zammit, kemm minn dak konkluz minn Dr Mario Scerri, wiehed jista’ japprezza li l-griehi sofferti minn Mourad kienu ta’ natura serja. Pero’ mic-certifikat ta’ Dr A. Zammit jirrizulta dana biss u cioe griehi klassifikati bhala serji. Fil-fatt mistoqsi jekk il-ferita li Mabrouk kellu f’saqajh kinitx wahda ta’ natura gravi, Dr Zammit wiegeb li ma kienx jaf ghax hu baghat lil Mabrouk l-isptar u tkellem biss fuq dak li “<u>setghet</u>” (enfazi tal-Qorti) kienet il-konsegwenza ta’ daqqa ta’ dik il-portata.

Dr Mario Scerri meta xehed viva voce jitkellem dwar il-fatt li d-daqqa ta’ sikkina sofferta minn Mourad kienet serja in kwantu ghall-fatt li kienet fonda u ppenetrat ukoll il-muskoli. Ma kienx cert pero’ jekk kienx hemm penetrazzjoni ta’ blood vessels. Xehed pero’ li din l-istab wound ma ppenetrat ebda kavita’ fil-gisem, pero’ ppenetrat compartment.

Jigi rilevat f’dan ir-rigward li Mourad kellu griehi ohra barra l-imsemmija stab wound, anke gdim u grif f’wiccu.

Min-naha taghha Cernigliaro sofriet griehi ta’ natura hafifa, bhal tbengil u grif.

Ikkonsidrat

- Illi jigi mal-ewwel premess illi ebda tabib li opera lil Mourad ma telgha jixhed biex jispjega r-rizultanzi ta’ l-intervent kirurgiku fuq Mourad
- Illi l-istess Mourad wara li ddikjara li hu kien zewg u in kwantu rikonciljazzjoni bejnu u bejn martu ma riedx jiddeponi
- Illi kemm mill-istqarrija ta’ l-istess Cernigliaro, kemm mix-xhieda taghha viva voce jirrizulta li precedentement ghal dan l-incident, Mourad kien gieli refa’ jdejh fuqha
- Irrizulta wkoll minn dak li xehed l-Ispettur Haber illi fl-Appeals Board l-istess Mabrouk kien xehed li dan l-incident bejnu u bejn martu ma kienx xejn hlief incident.

Ikkonsidrat

Illi li Mourad spicca ferut f'dan l-incident bejnu u bejn martu l-akkuzata huwa pacifiku. Li Mourad wegggha b'mod serju mhux in kontestazzjoni, pero' jibqa' l-fatt li ghalkemm l-istab wound ippenetrat kompartament tal-gisem m'ghandha ebda prova prodotta li ppenetrat xi kavita' tal-gisem. Lanqas ma ngabet prova li Mourad garrab xi griehi ai termini ta' l-artikolu 216 tal-Kapitlu 9.

Illi huwa wkoll fatt li l-griehi sofferti minn Mourad huma kkagunati minn martu Cernigliaro waqt il-glieda jew ahjar taqbida ta' bejniethom.

Illi l-abbli avukat difensur ressaq fit-trattazzjoni tieghu l-eccezzjoni ta' legittima difesa.

Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li Cernigliaro u zewgha kellhom xi jghidu. Ma hemm ebda raguni ghal din il-qorti li tiddubita li bejn Cernigliaro u l-ferut kien hemm disgwid precedenti u li dan seta' jsarraf f'certa aggressivita', dan kollu anke jsib konfront mil-fatt li hu anke wasal biex isakkar lil martu barra minn darhom.

Illi din il-Qorti ghandha biss ix-xhieda ta' l-akkuzata u l-konsegwenti feriti ta' Mourad. Illi minn dawn il-fatti biss din il-Qorti ma tistax ma takkoljix dik l-eccezzjoni ta' legittima difesa u temmen li Cernigliaro kienet biss u unikament qeghda tiddefendi lilha nnifisha mill-aggressjoni lejha minn zewgha. Ghaldaqstant milqugha din l-eccezzjoni ta' legittima difesa tqisha bhala wahda valida u ghalhekk il-feriti (mhux pruvati bhala gravi) kkagunati fuq il-persuna ta' Mourad m'humiex pertinenti ghar-reat imputabbli.

Ghaldaqstant qeghda tillibera lil Marica Cernigliaro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------